MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 10 ta' Lulju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Jonathan Micallef**
**(ID: 441282M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Jonathan Micallef** talli fid-19 ta' Awwissu 2007 ghall-habta ta' bejn in-00:30hrs u s-01:45hrs waqt li kien gewwa l-Qawra, ikkaguna hsara volontarja fuq karozza li ggib numru HAU-595 tal-ghamla Citroen Xsara, liema stima ta' hsara taccedi Lm50 izda inqas minn Lm500 u dan ghad-dannu ta' Joseph Mary Camilleri u talli fl-istess data, hin u lok, uza forza attiva fuq l-imsemmi Joseph Mary Camilleri u talli wera atti ta' theddid kontra l-istess persuna billi beda jaghti b'idejh fuq it-tieqa tal-istess karozza waqt li l-imsemmi Joseph Camilleri kien gewwa l-istess karozza.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Joseph Mary Camilleri jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat illi din il-kawza giet differita *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Marzu 2013;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' digriet tas-26 ta' Ottubru 2017;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat id-deposizzjonijiet tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lil Joseph Mary Camilleri;

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi tlett reati u cioe`:-

1. Illi kkaguna hsara volontarja fuq vettura bin-numru HAU 595 a dannu ta' Joseph Mary Camilleri;
2. Illi uza forza attiva fuq Joseph Mary Camilleri, u
3. Illi wera atti ta' theddid kontra l-imsemmi Camilleri billi beda jaghti b'idejh fuq it-tieqa tal-imsemmija vettura waqt li Camilleri kien fl-istess vettura.

**L-Ispettur Paul Bond**, l-ufficjal investigattiv ta' meta sehh l-allegat incident, xehed illi l-imputat kien innega l-allegazzjonijiet kollha li kien hemm fil-konfront tieghu minn Joseph Camilleri.

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza tal-Awtorita` dwar it-Trasport, xehed illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAU 595 fl-2007 kienet registrata fuq Joseph Mary Camilleri.

**PS125 Malcolm Mifsud** xehed illi huwa kien is-surgent li nvestiga l-kaz u pprezenta l-okkorrenza relattiva. Jispjega li r-rapport dahal minghand Joseph Mary Camilleri li allega li kien ghaddej bil-vettura tieghu u li l-imputat, li jahdem bhala *security guard* mal-istabbiliment Fuego, kien tefaghlu flixkun tal-hgieg fid-direzzjoni tal-vettura tieghu u laqat is-saqaf. Di piu` l-imputat mar fejn il-vettura tieghu u ta daqqa ta' ponn fuq il-hgiega. Meta x-xhud kellem lill-imputat, huwa nnega li sar dan kollu u li kien proprju Camilleri li kien qed jaghtih fastidju.

**Nazzareno Farrugia**, sprayer u panel beater, ikkonferma l-istima esebita fir-rigward tal-hsarat fuq is-saqaf tal-vettura inkwistjoni, proprjament fuq fin-naha ta' fuq tal-windscreen.

**Joseph Mary Camilleri**, xehed li kien hemm argument fuq barra tal-Fuego gewwa l-Qawra. Jispjega li hu kien ghaddej bil-karozza tieghu meta l-imputat waddab flixkun u laqatlu s-saqaf. Jispjega li lill-imputat kien jafu ghax kien jiffrekweta l-Fuego u dak iz-zmien kien hemm pika bejniethom fuq tfajla. Jghid li wara l-incident huwa baqa' sejjer l-Ghassa jaghmel rapport.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi kkaguna hsara volontarja fil-vettura ta' Joseph Mary Camilleri. Camilleri jghid li ra lill-imputat jitfa' flixkun lejn id-direzzjoni tal-vettura li kien qieghed isuq. L-imputat ghazel li ma jixhidx pero` huwa kien innega dan il-fatt meta gie mitkellem mill-Pulizija *a tempo vergine.*

Illi ghalhekk hawn il-Qorti hija rinfaccjata bix-xhieda ta' xhud wiehed biss dwar kif gara l-incident, u cioe` x-xhieda tal-parti leza. Il-Qorti tinnota illi minkejja li ghaddew diversi snin minn meta sehh l-incident, il-parti leza kienet cara hafna kif gara l-allegat incident tat-tfigh tal-flixkun. Pero` filwaqt li Camilleri fir-rapport tieghu, kien allega li l-imputat ta wkoll daqqa fuq il-hgiega tal-vettura, ma qal xejn minn dan kollu waqt ix-xhieda quddiem din il-Qorti. Huwa minnu wkoll li minn dakinhar tal-incident sal-gurnata li Camilleri xehed ghaddew cirka hdax-il sena.

Illi din il-Qorti ma ssibx ghala m'ghandhiex toqghod fuq ix-xhieda ta' Camilleri fir-rigward ta' min tefa' l-flixkun inkwistjoni. Id-difiza bl-ebda mod ma ppruvat tipprova li ma kienx l-imputat li tefa' l-flixkun inkwistjoni, lanqas sal-bazi ta' probabilita`.

Ghaldaqstant il-Qorti se ssib htija fl-imputat fir-rigward tal-hsara volontarja. Madankollu mhux se ssib htija fl-imputat illi uza forza attiva fuq Camilleri u illi wera atti ta' theddid kontra l-istess Camilleri billi beda jaghti b'idejh fuq it-tieqa tal-vettura ta' Camilleri waqt li l-istess kien gewwa l-vettura.

Illi kif jirrizulta mill-provi, illum il-vettura in kwistjoni m'ghadhiex proprjeta` ta' Camilleri stante li kien sar trasferiment taghha fl-2008 u ghalhekk il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li tordna xi rifuzjoni ta' danni ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali.

Illi in kwantu ghall-piena, il-Qorti kkunsidrat illi dan l-incident gara diversi snin ilu u jirrizulta illi llum il-gurnata l-partijiet m'ghandhom l-ebda problemi bejniethom.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat artikolu 325 (b) tal-Kodici Kriminali, qieghda tiddikjara lill-imputat **Jonathan Micallef** hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijet ta' Malta. Il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni stante li dawn ma gewx sodisfacentement ippruvati.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjiegat lill-hati fi kliem car, kemm rresponsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sitt (6) xhur mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur